# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru**

**Rikors numru 35/15**

**Strand Electronics Limited**

**v.**

**Direttur tal-Corporate Services fil-Ministeru tal-Gustizzja, Djalogu u Familja; u Office Group Ltd.**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan huwa provvediment fuq eċċezzjoni ta' rikuża tal-membri ta' din il-Qorti sollevata mis-socjeta` Office Group Ltd. waqt is-seduta tal-10 ta' Novembru 2015 "stante li kienu huma li semgħu dan l-appell u ddeċidewh u dan skont l-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12".

**2.** Dak li ghandha quddiemha din il-Qorti għad-deċiżjoni tagħha hija talba għal ritrattazzjoni ta' appell li kien sar mis-soċjeta` Strand Electronics Ltd. li kien deċiż minn din il-Qorti b'sentenza tagħha tal-24 ta' April, 2015 li biha laqgħet l-istess appell u ħassret id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi tat-22 ta' Jannar 2015 u d-deċiżjoni relattiva li kien ħa d-Direttur tal-Corporate Services.

**3.** Is-sentenza msemmija ta' din il-Qorti kienet tirrigwarda sejħa għall-offerti li kien ħareġ id-Direttorat tal-Corporate Services fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, Djalogu u Familja għall-kiri ta' 37 apparat ta' stampar li originarjament intrebħet mis-socjeta` Strand Electronics Limited iżda d-deċiżjoni relevanti ġiet kontestata mis-socjeta` Office Group Limited li oġġezzjonat quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi li ċaħad l-oġġezzjoni.

**4.** Mid-deċiżjoni msemmija tal-Bord sar appell quddiem din il-Qorti mis-socjeta` Office Group u din il-Qorti tat l-ewwel sentenza tagħha dwar it-tender imsemmi fis-16 ta' Settembru 2013 li biha laqgħet l-appell ta' Office Group Limited u bagħtet l-atti lura lid-Direttur għad-deċiżjoni tiegħu u in segwitu is-socjeta` Strand Electronics Limited ġiet infurmata li l-kuntratt kien rakkomandat li jingħata lil Office Group Limited.

**5.** Is-socjeta` Strand Electronics Limited appellat mid-deċiżjoni tad-Direttur quddiem il-Bord imsemmi li ċaħad l-appell b'deċiżjoni tas-27 ta' Jannar 2014 minn liema deċiżjoni sar it-tieni appell quddiem din il-Qorti li ddeċidietu bit-tieni sentenza tagħha tat-30 ta' Mejju 2014 u dan billi laqgħet in parti l-appell u bagħtet lura l-atti għad-deċiżjoni tal-Bord li ta s-sentenza tiegħu fit-22 ta' Jannar 2015 billi reġa' ċaħad l-aggravji tal-istess socjeta` u minn dik is-sentenza sar it-tielet appell din id-darba mis-socjeta` Strand Electronics Limited liema appell ġie deċiż bis-sentenza ta' din il-Qorti fuq imsemmija tal-24 ta' April 2015 li għalhekk hi t-tielet sentenza ta' din il-Qorti dwar il-materja tal-istess sejħa għall-offerti u li tagħha issa qed tintalab ritrattazzjoni mis-socjeta` Office Group Ltd.

**6.** It-talba għal ritrattazzjoni tas-socjeta` Office Group Ltd tistrieħ fuq dak dispost fil-paragrafu (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap 12 li jipprovdi kif ġej:

> **811.** Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> *-omissis -*
>
> (l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.
>
> Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament,

> basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.

**7.** Il-kompitu ta' din il-Qorti għall-finijiet tat-talba tas-socjeta` Office Group Ltd. għal ritrattazzjoni ma hux li tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi li fuqhom tkun straħet fis-sentenza li tagħha qed tintalab ritrattazzjoni iżda biss li tivverifika jekk fis-sentenza ritrattandi kienetx saret żbaljatament xi suppożizzjoni jew esklużjoni ta' xi fatt. Sabiex tintlaqa' t-talba ta' ritrattazzjoni, iżda, l-fatt in kwistjoni ma jridx ikun wieħed li kien ikkontestat u ġie deċiż bis-sentenza ritrattandi. Jekk il-fatt in kwistjoni kien punt ikkontestat u ġie deċiż f'dik is-sentenza, u allura l-Imħallfin ikunu ġà taw il-fehma tagħhom dwaru, t-talba għal ritrattazzjoni tiġi miċħuda skont il-liġi u għalhekk, billi l-imħallfin ma jkunux msejjħa jerġgħu jagħtu l-fehma tagħhom dwar dak il-fatt, f'dik iċ-ċirkostanza ma hemmx lok għar-rikuża jew astensjoni tagħhom. Mill-banda l-oħra, jekk il-fatt in kwistjoni ma kienx ġie deċiż bis-sentenza ritrattandi allura l-Imħallfin ikunu għadhom ma tawx il-fehma tagħhom dwaru u dan ukoll ma jagħtix lok għar-rikuża jew astensjoni. Fil-każ wieħed jew l-ieħor, għalhekk ma hemmx lok għar-rikuża jew astensjoni tal-Imħallfin komponenti din il-Qorti.

**8.** Għaldaqstant l-eċċezzjoni ta' rikuża hija respinta u qiegħed jiġi ordnat li jinbeda s-smigħ *in rescindendo*.

**9.** L-ispejjeż ta' dan l-episodju jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Joseph Azzopardi<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb